MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2003

Numru 630/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
v

**KEVIN SPITERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KEVIN SPITERI** ta' sitta w ghoxrin sena bin Dominic u Victoria nee Grech, imwieled H'Attard nhar d-disgha ta' Awissu 1976 u joqghod 'Rose Anne', Flat 2, Triq l-Ghasir, Haz Zebbug, detentur tal-karta tal-identita numru 580576M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tmienja ta' April 2003 ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu minn go Trejqet l-Kurpara, San Pawl il-Bahar bil-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi seraq karozza tal-ghamla Rover bin-numru ta' registrazzjoni PAU 107 li tiswa aktar minn elf lira maltin u dan ghad-dannu tas-sid Joseph Ellul minn San Pawl il-Bahar, izda dan biss biex

jezercita dritt li jippretendi li ghandu gieghel bl-awtorita tieghu nnifsu lil xi hadd hallas dejn jew esegwixxa obbligazzjoni tkun li tkun billi fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjgu.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuza ta' raggion fattasi kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum s-sittax ta' Ottubru 2003.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuza ta' raggion fattasi kif ammessa minnu stess.

Semghet lil Prosekuzzjoni tirtira l-akkuza ta' attentat ta' serq aggravat bil-valur fis-seduta tas-sittax ta' Ottubru 2003, u ghalhekk il-Qorti tasjteni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.
Rat d-dokumenti kollha esibiti u cioe l-fedina penali tal-imputat esibita bhala dokument CSH li hija wahda relattivament tajba b'reat wiehed registrat fis-sena 1995 dwar attentat ta' serq meta nghata unconditional discharge.

**Illi ghalhekk wara li l-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 41, 261(c), 267, 279 u 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputat KEVIN SPITERI hati tal-akkuza ta' raggion fattasi kif ammessa minnu stess llum u tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitt lira maltin.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------